MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Numru 722/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Walter Spiteri**
**V**

**JOSEPH MARY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MARY MUSCAT** ta’ sitta w sittin sena bin il-mejtin Carmelo u Gianna nee Falzon, imwieled z-Zurrieq nhar t-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1937 li joqghod 3, 'Nathalie', Triq Mondion, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 256837M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2003 ghall-habta ta' bejn s-siegha w nofs w is-saghtejn ta' wara nofsinhar fl-inhawi ta' Wied z-Zurrieq, limiti tal-Qrendi;

(a) B'eghmil zieni ikkorrompa lil Burkey Taylor ta' ghaxar snin, lil Zowie Tubby ta' erbatax il-sena u lil Reiss Burkey ta' erbatax il-sena tfal ta' nazjonalita Ingliza;

(b) Talli fil-hamsa w ghoxrin ta'Awissu 2003 ghall-habta ta' bejn s-siegha w nofs w s-saghtejn ta' wara nofsinhar fl-inhawi ta' Wied z-Zurrieq limiti tal-Qrendi, offenda l-pudur jew morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datati sitta w ghoxrin ta' Novembru 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sittax ta' Dicembru 2003 l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2003, Beryl Garland,** li tigi n-nanna taz-zewg minuri Taylor Burkey u Zowie Tubby **xehdet** li lejliet u cioe fil-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2003 hija kienet riekba fuq dghajsa sejra lejn Wied iz-Zurrieq, flimkien man-neputijiet taghha meta rat lil imputat fl-ilma sa qaddu u waqt li kienu ghaddejjin, in-neputijiet xejjrulu u huwa xejjrilhom lura u wara mess il-parti genitali tieghu. Hija spjiegat li fejn kien l-imputat ma kienx accessibli mill-art izda biss mill-bahar. Hija qalet li n-neputi ta' ghaxar snin esklama u qal "*Look, the man has got no clothes on him, he's being rude.*"

**Taylor Burkey li ghandu ghaxar snin stqarr** li meta kienu fuq id-dghajsa flimkien ma xi familjari tieghu gejjin lura mill-Blue Grotto, ra lil imputat jghum u jxejjrilhom u meta qam bil-wieqfa, kien bla hwejjeg.

**Zowie Tubby li ghandha erbatax il-sena kkonfermat** dak kollu li qal Taylor Burkey.

**Leslie Tubby** li tigi omm Zowie, **xehdet** li l-imputat qam bil-wieqfa fl-ilma gharwien u beda jaghmel gesti oxxeni. Hija spjiegat li kienu boghod minnu xi ghoxrin pied.

Illi dawn huma l-aktar xhieda importanti tal-Prosekuzzjoni peress li huma l-unici xhieda okulari.

L-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu, xehdu biss fuq rapport u kif waslu ghal imputat u ghalhekk in vista tal-identifikazzjoni tax-xhieda tal-imputat, tali xhieda mhux daqstant importanti.

**L-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni rrilaxxja stqarrija** li tinsab esibita a fol 10 tal-atti markata bhala dokument CSH 2. Illi minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat stess jghid li kien qam bil-wieqfa waqt li kien fl-ilma gharwien, pero cahad li dakinhar qabad il-parti genitali tieghu.

**L-imputat xehed wkoll viva voce l-Qorti minn jeddu nhar s-sittax ta' Dicembru 2003** fejn stqarr ghal darb'ohra li veru kien qam bil-wieqfa gharwien u xejjer lil xi turisti, pero cahad li qabad il-parti tieghu kif issuggeriet il-Prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati in dezamina.

Illi fit-terminu tal-att tar-rinviju l-Avukat Generali akkuza lil imputat bi tlett reati u cioe dik ta' serq ta' persuna, korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta u offiza ghal pudur jew ghal morali maghmula fil-pubbliku.

Illi dwar l-ewwel akkuza, u cioe dik kontemplata fl-artikolu 199(1) tal-Kap 98, din tesigi li persuna tigi misruqa bil-vjolenza bil-hsieb li jsir abbuz minnha jew li jizzewwigha.

Issa minn ezami tax-xhieda din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata lanqas remotament.

Illi dwar t-tieni akkuza, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kif proposta fl-artikolu 203 tal-Kap 9, iridu jirrizultaw is-segwenti elementi ilkoll flimkien u cioe:

a. eghmil zieni;
b. l-eta tal-vittma, u
c. korruzzjoni ta' persuna.

Il-legislatur ried, b'dan l-artikolu li jevita li n-nies ta' eta zghira, jbatu l-effetti hziena ta' korruzzjoni u jissalvagwardja l-ingenwita ta' nies ta' eta zghira milli jaqghu vittmi tax-xewqat libidinuzi ta' nies ohra.

Sabiex jissusisti dan r-reat, irid ikun hemm *atti di libidine* u cioe dawk l-atti li jecitaw l-minuri u jekk l-atti jwasslu ghal dan l-effett, tali korruzzjoni tkun saret. Il-korruzzjoni tirrizulta jekk tali atti wasslu biex jecitaw l-passjoni jew xewqa sesswali.

Illi mill-fatti suesposti, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultaw ebda *atti di libidine* li wasslu ghal korruzzjoni ta' xi minorenni u ghalhekk tali akkuza wkoll ma tirrizultax ppruvata.

Dwar t-tielet akkuza, u cioe dik ta' offiza ta' pudur pubbliku, il-Qorti ezaminat ix-xhieda u jirrizulta li dak li ghamel l-imputat u cioe li wera gismu lil minuri, jammonta ghal offiza ta' pudur f'post pubbliku.

Illi ghalkemm ma jirrizultax li l-minuri b'xi mod kienu effettwati jew impressjonati b'dak li raw, xorta wahda jibqa gest oxxen fil-pubbliku.

Il-Qorti tirrileva li dan kien gest ta' stmerrija u li m'ghandux jirrepeti ruhu ghalkemm ma kienx xi wiehed skandaluz.

Il-Qorti qiset ic-c-cirkostanzi tal-kaz u cioe li l-imputat inkixef quddiem minuri minn distanza ta' ghoxrin pied u li xejjrilhom u minn naha l-ohra l-atteggjament tal-istess minuri ghal tali sitwazzjoni u cioe li fi kliemhom, l-imputat kien pastas.

Rat l-fedina penali tal-imputat li hija relattivament nadifa.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 199(1), 20, 22, 30, 203, 209 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH MARY MUSCAT hati tal-ewwel zewg akkuzi u tilliberah minnhom u tiddikjara li ssibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jaghmel tajjeb ghal ispejjes inkorsi fil-hatra ta' esperti jew periti, il-Qorti tinnota li ma kien hemm ebda espert jew perit nominat waqt l-kumpilazzjoni u ghalhekk tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------